IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.4.2015
COM(2015) 144 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali

L-1 ta' Jannar 2011 – il-31 ta' Diċembru 2013

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008
dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali

L-1 ta' Jannar 2011 – il-31 ta' Diċembru 2013

Werrej

1. Sommarju eżekuttiv 4
2. Introduzzjoni 5
3. Il-Kuntest tar-regolament 5
3.1. Il-Kuntest Ewropew 5
3.2. Il-Kuntest internazzjonali 8
4. L-iżviluppi prattiċi fir-rigward tar-regolament 8
5. Dejta statistika dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri 9
5.1. L-użu tal-liċenzja standard kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 9
5.2. L-użu tal-liċenzja speċifika miftuħa kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 9
5.3. L-użu tal-liċenzja ġenerali miftuħa kif stabbilit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 10
5.4. Iċ-ċaħda tal-ħruġ ta' liċenzji standard 10
5.5. Kunsinni misjuba li mhumiex konformi mar-regoli 10
6. L-isfidi għall-ġejjieni 10
6.1. L-użu ta' sistemi elettroniċi 11
6.2. L-interpretazzjoni ta' kategoriji ta' oġġetti kulturali 11
6.3. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet 11
6.4. L-adegwatezza tal-limiti finanzjarji 12
6.5. L-importazzjoni ta' oġġetti kulturali lejn l-UE 12
7. Konklużjonijiet 13

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali ("ir-Regolament Bażiku") jagħti tagħrif dwar l-użu tal-liċenzji għall-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali fil-qafas maħluq mir-Regolament Bażiku u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012. Ir-rapport huwa bbażat fuq dejta provduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju dwar kif jintużaw il-liċenzji għall-esportazzjoni. Din tkopri l-perjodu mill-2011 sal-2013, b'xi żviluppi mill-bidu tal-2014.

Iċ-ċifri rrappurtati huma relatati ma' tliet tipi ta' liċenzji għall-esportazzjoni: il-liċenzji standard, il-liċenzji speċifiċi miftuħa u l-liċenzji ġenerali miftuħa.

L-għadd totali ta' liċenzji standard maħruġa matul il-perjodu 2011-2013 kien ta' 24 564. Iż-żewġ pajjiżi li ħarġu l-aktar liċenzji ta' dan it-tip kienu r-Renju Unit u l-Italja.

Il-liċenzji speċifiċi miftuħa jinħarġu għall-esportazzjoni temporanja ripetuta ta' oġġett kulturali speċifiku minn persuna jew organizzazzjoni partikolari. Matul il-perijodu eżaminat, inħarġu 946 liċenzja speċifika miftuħa lil total ta' 588 persuna jew organizzazzjoni. Aktar minn 90% ta' dawn il-liċenzji nħarġu mir-Renju Unit, min-Netherlands u mill-Polonja.

Il-liċenzji ġenerali miftuħa jkopru kwalunkwe esportazzjoni temporanja ta' oġġetti kulturali li huma parti mill-kollezzjoni permanenti ta' mużew jew ta' istituzzjoni oħra. Fil-perjodu eżaminat, liċenzji bħal dawn inħarġu 472 darba minn ħames Stati Membri; Spanja ħarġet 84% ta' dawn il-liċenzji.

Il-ħruġ ta' liċenzja standard inċaħad 318-il darba, bl-aktar raġuni komuni tkun li l-oġġett kulturali inkwistjoni tqies bħala "teżor nazzjonali". Inqabdu 147 kunsinna mhux konformi matul il-perjodu, il-biċċa l-kbira tagħhom minn Franza u n-Netherlands (93% tat-total).

Ir-rapport jagħti wkoll informazzjoni dwar l-inizjattivi attwali u dwar l-isfidi li hemm għall-ġejjieni, bħall-introduzzjoni possibbli ta' bażi tad-dejta onlajn ta' liċenzji għall-esportazzjoni maħruġa li sservi bħala interfaċċa mas-sistemi nazzjonali ta' kklerjar tad-dwana, l-interpretazzjoni ta' kategoriji problematiċi ta' oġġetti kulturali elenkati fl-Anness I tar-Regolament Bażiku, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, l-adegwatezza tal-limiti finanzjarji stabbiliti u n-nuqqas ta' kontrolli fl-importazzjoni ta' oġġetti kulturali.

2. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009[1] tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (Verżjoni kodifikata) (ir-"Regolament Bażiku") jissoġġetta l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti kulturali barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea ("l-UE") għall-preżentazzjoni ta' liċenzja għall-esportazzjoni u jiżgura li l-esportazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti jkunu suġġetti għal kontrolli uniformi fil-fruntieri esterni tal-istess UE. L-Anness I fih informazzjoni dwar il-kategoriji kif ukoll dwar ir-rekwiżiti b'rabta mal-qedem u/jew mal-valur tal-oġġetti kulturali li se jkunu koperti mir-Regolament Bażiku.

Il-liċenzji għall-esportazzjoni jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-oġġetti kulturali jkunu miżmuma b'mod legali. Il-kontrolli fid-dwana jiżguraw li oġġetti kulturali jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-UE biss jekk ikunu akkumpanjati b'liċenzja tal-esportazzjoni valida. Dan għandu jiżgura livell għoli ta' ħarsien ta' oġġetti kulturali fis-suq intern.

Ir-Regolament Bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tressaq b'mod regolari rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istess Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Fis-sena 2000 tressaq l-ewwel rapport, skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 3911/92[2], filwaqt li fl-2011 tressaq it-tieni rapport, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku[3].

Wara bejn wieħed u ieħor għoxrin sena ta' esperjenza fl-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali, dan ir-rapport ikopri perjodu ta' tliet snin, bejn l-1 ta' Jannar 2011 u l-31 ta' Diċembru 2013, iżda jinkludi wkoll xi żviluppi mill-bidu tal-2014.

Ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni provduta mill-Istati Membri bi tweġiba għal kwestjonarju, inkluża dejta statistika dwar l-użu tal-liċenzji[4]. Dan jirrifletti l-ħidma konsiderevoli mwettqa f'kooperazzjoni mal-Istati Membri matul il-perjodu msemmi.

3. KUNTEST TAR-REGOLAMENT

3.1. Kuntest Ewropew

Is-sistema introdotta fil-livell tal-UE bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 fir-rigward tal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali hija kumplimentari għal strumenti u

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1). Dan ir-Regolament ħa post ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 tad-9 ta' Diċembru 1992 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1), li kien ilu fis-seħħ mit-30 ta' Marzu 1993.

2 Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali u tad-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE dwar ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru, (COM (2000)325 tal-25 ta' Mejju 2000).

3 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali, l-1 ta' Jannar 2000 – il-31 ta' Diċembru 2010 (COM(2011)382 tas-27.6.2011).

4 Sottomissjonijiet riċevuti minn 26 Stat Membru (BE, BG, CZ, DK, DE, IE, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK).

inizjattivi oħrajn li jħarsu l-proprjetà kulturali. Hawn taħt hawn elenkati ftit eżempji ta' azzjonijiet relatati fil-livell tal-UE.

Ir-Ritorn ta' Oġġetti Kulturali

Fl-2009, il-Kummissjoni stabbiliet grupp ta' ħidma *ad hoc* fi ħdan il-Kumitat dwar l-esportazzjoni u r-ritorn ta' oġġetti kulturali ("il-Kumitat") li mmira li jidentifika problemi fl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE[5] u li jissuġġerixxi soluzzjonijiet. Fl-2011, il-grupp ikkonkluda li d-Direttiva għandha tiġi riveduta biex issir strument aktar effettiv għar-ritorn ta' teżori nazzjonali. Il-grupp ikkonkluda wkoll li għandhom jitnedew mekkaniżmi biex tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali. Dawn il-konklużjonijiet kienu kkonfermati mir-raba' rapport tal-Kummissjoni li rreveda l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE[6].

Wara konsultazzjoni pubblika u valutazzjoni tal-impatt, fit-30 ta' Mejju 2013 ġiet preżentata proposta tal-Kummissjoni għal riformulazzjoni tad-Direttiva 93/7/KEE[7]. Dan wassal għall-adozzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE fil-15 ta' Mejju 2014[8]. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda se japplikaw mid-19 ta' Diċembru 2015.

Id-Direttiva l-ġdida se tippermetti r-ritorn ta' kwalunkwe oġġett kulturali[9] identifikat minn Stat Membru bħala teżor nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku, u b'hekk bl-għan li tħares b'mod aktar effettiv il-wirt kulturali tal-Istati Membri. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet ċentrali responsabbli mid-Direttiva fl-Istati Membri ser ikunu meħtieġa jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni dwar oġġetti kulturali mneħħija illegalment permezz tal-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)[10].

Il-Mobbiltà tal-Kollezzjonijiet

F'Marzu tal-2011 twaqqaf Grupp ta' Ħidma dwar il-Mobbiltà tal-Kollezzjonijiet bħala parti mill-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura 2011-2014[11] fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura[12]. F'Settembru tal-2012, il-Grupp ta' Ħidma pproduċa rapport u sett ta' għodod dwar modi prattiċi biex

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 74, 27.03.1993, p. 74), kif emendata permezz tad-Direttiva 96/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 1997 (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59) u permezz tad-Direttiva 2001/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 (ĠU L 187, 10.7.2001, p. 43). Sadanittant, din id-Direttiva ħaditilha postha d-Direttiva 2014/60/UE (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1). Ara wkoll in-nota 8 f'qiegħ il-paġna.

6 Għal aktar dettalji ara r-Raba' Rapport dwar l-Applikazzjoni tad- Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE, COM(2013)310 final tat-30.5.2013.

7 COM(2013)311 tat-30.5.2013

8 Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni). Ara wkoll in-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

9 Id-Direttiva 93/7/KEE kienet tinkludi anness li jelenka kategoriji ta' oġġetti kulturali li kienu identiċi għall-Anness I tar-Regolament Bażiku; dan l-anness ma għadux jeżisti fid-Direttiva l-ġdida.

10 L-IMI twaqqfet formalment bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI").

11 ĠU C 325, 2.12.2010, p. 1.

12 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura (ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1).

titnaqqas l-ispiża tal-għoti b'self u t-teħid b'self ta' oġġetti kulturali bejn l-Istati Membri.

It-Traffikar ta' Oġġetti Kulturali

Il-Kummissjoni ffinanzjat studju bl-isem *Preventing and Fighting Illicit Trafficking in Cultural Goods*[13] (Nipprevjenu u niġġieldu t-traffikar illeċitu tal-oġġetti kulturali) li r-rapport finali tiegħu tressaq f'Ottubru tal-2011[14]. Ir-rapport identifika l-ostakli attwali legali u operattivi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali, bħalma huma d-diffikultà tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ħtieġa ta' taħriġ speċjali għall-uffiċjali doganali sabiex jidentifikaw oġġetti suspettużi. Ir-rapport irrakkomanda li l-Kummissjoni tista' toħloq dipartiment ta' koordinazzjoni li jkun responsabbli mit-tħaffif tal-kuntatt bejn l-awtoritajiet ikkonċernati u l-organizzazzjoni ta' taħriġ għall-uffiċjali.

F'Diċembru tal-2011, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità fir-rigward tal-oġġetti kulturali[15] rrakkomandaw, fost l-oħrajn, li l-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet kulturali u l-organizzazzjonijiet privati.

Barra minn hekk, f'Ottubru tal-2012, Riżoluzzjoni tal-Kunsill ħolqot netwerk informali ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-kompetenza esperta fil-qasam tal-oġġetti kulturali (EU CULTNET)[16]. L-għan ewlieni tan-netwerk huwa li jtejjeb l-iskambju tal-informazzjoni b'rabta mal-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali, bħal pereżempju l-identifikazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mhux operattiva dwar netwerks kriminali suspettati li jkunu involuti fit-traffikar illeċitu u informazzjoni dwar l-ostakli għall-kooperazzjoni transkonfinali. L-awtoritajiet doganali kienu mistiedna jieħdu sehem fin-netwerk minħabba l-kompetenza tagħhom fil-monitoraġġ u l-kontroll tal-moviment ta' oġġetti kulturali mill-fruntieri esterni tal-UE.

F'Novembru tal-2011 l-Italja, Malta, il-Greċja u Ċipru wettqu l-Operazzjoni Doganali Konġunta ("JCO" - Joint Customs Operation) COLOSSEUM [17] b'kooperazzjoni mal-Uffiċċju ta' Kuntatt dwar it-Tagħrif (Intelligence) Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (RILO WE - World Customs Organisation's Regional Intelligence Liaison Office) u bil-parteċipazzjoni ta' 17-il pajjiż ieħor[18]. Tul l-operazzjoni li damet sejra għaxart ijiem, erba' Stati Membri qabdu oġġetti kulturali illeċiti (l-Italja, Malta, il-Greċja u n-Netherlands għamlu qabda kull wieħed, b'total ta' 134 artifatt).

JCO ODYSSEUS, fl-ewwel nofs tal-2014, iffukat fuq il-frodi tal-wirt kulturali fir-reġjun tal-Mediterran. 19-il Stat Membru[19] ġew mistiedna jieħdu sehem fl-operazzjoni. Iż-żewġ fażijiet operazzjonali kkonċentraw fuq il-ġbir ta' dejta b'rabta

---

13 Ir-rapport tħejja għad-DĠ Affarijiet Interni tal-Kummissjoni taħt il-kuntratt HOME/2009/ISEC/PR/019-A2.

14 http://ec.europa.eu/home-affairs/doc_centre/crime/crime_prevention_en.htm.

15 17541/11 ENFOPOL 415 CULT 111 ENFOCUSTOM 143.

16 14232/12 ENFOPOL 292 CULT 116 ENFOCUSTOMS 93.

17 10515/1/12 REV 1 ENFOCUSTOMS 45 ENFOPOL 159.

18 BE, BG, CZ, DE, ES, IT, LU, HU, NL, AT, RO, SK, u r-Russja, l-Iżvizzera, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerka.

19 BE, BG, CZ, DE, EL, ES, FR, HR, IT, CY, MT, HU, NL, AT, PL, PT, RO, SI, UK.

mas-sejbien u l-qbid ta' kunsinni illegali ta' oġġetti kulturali u dwar il-kontrolli msaħħa. Ir-rapport finali se jkun ippubblikat f'Marzu tal-2015.

F'Diċembru tal-2013, il-Kunsill adotta Regolament li jimponi restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' oġġetti kulturali mneħħija mis-Sirja[20]. Il-lista ta' oġġetti soġġetti għar-restrizzjonijiet hija identika għal dik inkluża fir-Regolament Bażiku.

Il-Kummissjoni ffinanzjat ukoll proġett biex twaqqaf Osservatorju Internazzjonali dwar it-Traffikar Illeċitu f'Oġġetti Kulturali, ippreżentat mill-ICOM[21]. L-Osservatorju nħoloq bħala reazzjoni għan-nuqqas ta' statistika ċentralizzata u n-nuqqas ta' informazzjoni valida disponibbli dwar it-traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali. L-għan tal-Osservatorju huwa li jiġbor informazzjoni minn diversi sorsi u, eventwalment, jiġborha fl-ewwel Rapport Globali, li jikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u jżid l-għarfien fost l-uffiċjali. Is-sit dedikat tnieda f'April tal-2014[22].

3.2. Il-Kuntest internazzjonali

Fil-livell internazzjonali, l-aktar strument rilevanti fir-rigward tal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali huwa l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970[23] u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995[24]. Sal-lum, il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 ġiet ratifikata minn 23 Stat Membru tal-UE; s'issa l-ammont ta' membri jilħaq il-127 Stat Parti. Huma biss 14-il Stat Membru tal-UE li rratifikaw il-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995.

F'Marzu tal-2014 tnediet operazzjoni konġunta bejn il-UNESCO u l-UE biex jitrażżan it-telfien tal-wirt kulturali li għaddej bħalissa fis-Sirja. L-*Emergency Safeguarding of the Syrian Heritage project*[25] (Il-proġett għall-Ħarsien ta' Emerġenza tal-Wirt Sirjan) għandu l-għan li jsaħħaħ l-għajnuna teknika u l-bini tal-kapaċità tal-partijiet interessati u tal-benefiċjarji nazzjonali, inkluż it-taħriġ tal-pulizija u l-uffiċjali tad-dwana fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien.

4. L-IŻVILUPPI PRATTIĊI FIR-RIGWARD TAR-REGOLAMENT

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (KEE) Nru 752/93, li kien l-oriġinali, tħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1081/2012 ("ir-Regolament ta' Implimentazzjoni"). Dan ir-Regolament jipprevedi tliet tipi ta' liċenzji ttal-esportazzjoni (il-liċenzja standard, il-liċenzja speċifika miftuħa u l-liċenzja ġenerali miftuħa) u jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tagħhom. F'konformità mal-Artikoli 3(2) u 5(2) tar-Regolament Bażiku, fil-Ġurnal Uffiċjali

---

20 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1332/2013 ta' 13 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 335, 14.12.2013, p. 3).

21 HOME/2011/ISEC/AG/2607.

22 http://obs-traffic.museum/

23 Il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u l-Prevenzjoni tal-Importazzjoni, l-Esportazzjoni u t-Trasferiment ta' Titolu Illeċiti ta' Proprjetà Kulturali. Pariġi tal-14 ta' Novembru 1970; ratifikata mill-Istati Membri li ġejjin: BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, ES, FR, HR, IT, CY, LT, HU, NL, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK.

24 Il-Konvenzjoni ta' UNIDROIT dwar l-Oġġetti Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment, Ruma, l-24 ta' Ġunju 1995; ratifikata mill-Istati Membri li ġejjin: DK, EL, ES, HR, IT, CY, LT, HU, PT, RO, SI, SK, FI, SE.

25 http://www.unesco.org/new/en/safeguarding-syrian-cultural-heritage/international-initiatives/emergency-safeguarding-of-syria-heritage/

f'Marzu tal-2014 ġew ippubblikati l-aktar listi riċenti ta' awtoritajiet bis-setgħa li joħorġu l-liċenzji tal-esportazzjoni[26] filwaqt li l-lista tal-uffiċċji tad-dwana bis-setgħa li jimmaniġġjaw il-formalitajiet tal-esportazzjoni[27] ġiet pubblikata xahar qabel. Barra minn hekk, il-Kumitat dwar l-esportazzjoni u r-ritorn ta' oġġetti kulturali, imwaqqaf skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku, iltaqa' tliet darbiet fil-perjodu eżaminat u darba fil-bidu tal-2014.

5. DEJTA STATISTIKA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

5.1. L-użu tal-liċenzja standard kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

Il-liċenzja standard normalment tintuża għal kull esportazzjoni soġġetta għar-Regolament Bażiku.

L-Anness 1 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' liċenzji standard maħruġa mill-Istati Membri[28]. L-għadd totali żdied minn 21 498 fl-2011 għal 24 564 fl-2013 (+ 14%). Dawn iċ-ċifri annwali huma wkoll ogħla mill-medja rrappurtata għall-perjodu preċedenti (2000-2010).

L-Anness 1 juri wkoll is-sehem mit-total tal-liċenzji maħruġa għall-Istati Membri differenti[28]. Iċ-ċifri juru li l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali mill-UE hija, fil-parti l-kbira tagħha, kkonċentrata f'żewġ Stati Membri: L-Italja b'37-40 % u r-Renju Unit bi 33-36 % tas-sehem fl-2011-2013. Dawn iż-żewġ Stati Membri huma segwiti minn Franza (12-13%), il-Ġermanja (4-5%), l-Awstrija (2-3%), Spanja (1-3%) u l-Portugall, in-Netherlands u l-Belġju (1% kull wieħed).

5.2. L-użu tal-liċenzja speċifika miftuħa kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

Il-liċenzja speċifika miftuħa tkopri l-esportazzjoni temporanja repetuta ta' oġġett kulturali speċifiku minn persuna jew organizzazzjoni partikolari.

L-Anness 2 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' liċenzji miftuħa speċifiċi li kienu jiċċirkolaw fl-Istati Membri[28]. L-għadd totali żdied minn 261 fl-2011 għal 365 fl-2013 (+ 40%). Madanakollu, ma tistax tiġi stabbilita xejra ċara, peress li d-dejta mill-perjodu preċedenti (2000-2010) tindika li ċ-ċifri annwali jvarjaw ħafna. Fi kwalunkwe każ, l-għadd huwa relattivament baxx.

Iċ-ċifri juru li seba' Stati Membri biss (Franza, Ċipru, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polanja, is-Slovenja u r-Renju Unit) użaw din it-tip ta' liċenzja. Minn dawn, l-aktar li użawha kienu r-Renju Unit (33%), in-Netherlands (30%) u l-Polonja (28% tas-sehem fl-2011-2013).

L-Anness 3 juri l-għadd ta' persuni jew organizzazzjonijiet li għandhom liċenzja speċifika miftuħa.

---

26 ĠU C 72, 11.3.2014, p. 16 (il-verżjoni kkoreġuta bil-Kroat ġiet ippubblikata fil-ĠU C 205, 2.7.2014, p. 27).

27 ĠU C 40, 11.2.2014, p. 6.

28 Iċ-ċifri jinkludu dejta mressqa minn 26 Stat Membru; ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna 4. Madankollu, iċ-ċifri komparabbli mill-2000-2010 ma jindikawx li d-dejta nieqsa tbiddel il-konklużjonijiet stabbiliti għall-perjodu eżaminat.

5.3. L-użu tal-liċenzja ġenerali miftuħa kif stabbilit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

Liċenzja ġenerali miftuħa tkopri kull esportazzjoni temporanja ta' kwalunkwe wieħed minn dawk l-oġġetti kulturali li jagħmel parti mill-kollezzjoni permanenti ta' mużew jew ta' istituzzjoni oħra.

L-Anness 4 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' liċenzji ġenerali miftuħa li kienu jiċċirkolaw fl-Istati Membri[28]. Il-volum huwa relattivament baxx (141 liċenzja fl-2011, 172 liċenzja fl-2012, u 159 liċenzja fl-2013).

Iċ-ċifri juru li ħames Stati Membri biss (il-Bulgarija, Spanja, Ċipru, il-Polonja u s-Slovenja) użaw dan it-tip ta' liċenzja. Spanja kienet responsabbli għal 84% tat-total, u b'hekk għamlet l-akbar użu minnha.

5.4. Iċ-ċaħda tal-ħruġ ta' liċenzji standard

L-Anness 5 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' liċenzji standard li kienu jiċċirkolaw fl-Istati Membri[28]. Seba' Stati Membri biss irrappurtaw xi ċaħda, u mit-total ta' 318-il każ irrappurtat, 72% kienu fl-Italja u 25% fi Spanja.

Ir-raġuni ewlenija għaliex inċaħdet liċenzja kienet li l-oġġett li kellu jiġi esportat tqies bħala teżor nazzjonali fl-Istat Membru inkwistjoni.

L-għadd ta' każi fejn tressqet applikazzjoni mhux kompluta mhumiex inklużi fiċ-ċifri rappurtati, peress li tali każi normalment ma jwasslux għal ċaħda, iżda l-awtoritajiet emittenti jagħtu l-possibbiltà lill-applikanti li jipprovdu d-dokumentazzjoni nieqsa.

L-għadd ta' liċenzji miċħuda fl-UE hija baxxa ħafna meta mqabbla mal-għadd totali ta' liċenzji maħruġa (0.4%). Instab proporzjon simili għall-perjodu preċedenti (2000-2010).

5.5. Kunsinni misjuba li mhumiex konformi mar-regoli

L-Anness 6 juri l-għadd ta' kunsinni misjuba li mhumiex konformi mar-regoli applikabbli[29]. L-Istati Membri rrappurtaw total ta' 147 każ fil-perjodu ta' 3 snin, ċifra baxxa ħafna meta mqabbla mal-għadd totali ta' liċenzji maħruġa (li jirrappreżentaw 0.2% tal-għadd totali ta' liċenzji). Il-biċċa l-kbira tal-każi seħħew f'żewġ Stati Membri (Franza u n-Netherlands) (136 minn total ta' 147 każ).

L-Istati Membri indikaw li kunsinni mhux konformi ġeneralment inqabdu mill-awtoritajiet tad-dwana tagħhom jew mill-pulizija. Skont iċ-ċirkustanzi tal-każ u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, il-każ isegwuh l-awtoritajiet kompetenti, il-pulizija jew l-awtoritajiet ġuridiċi.

6. L-ISFIDI GĦALL-ĠEJJIENI

Matul il-perjodu eżaminat, saru diskussjonijiet profondi dwar għadd ta' suġġetti fundamentali li għandhom piż fuq il-ġejjieni tas-sistema eżistenti. Il-laqgħat tal-Kumitat offrew pjattaforma xierqa għall-iskambju tal-ideat u l-iskattar tal-azzjoni.

[29] Iċ-ċifri jinkludu d-dejta ta' 25 Stat Membru (BG, CZ, DK, DE, IE, ES, FR, HR, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK). .

6.1. L-użu ta' sistemi elettroniċi

L-applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni permezz ta' formuli elettroniċi xorta għadha mhix possibbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Ħlief għal Spanja, anki f'dawk il-każi fejn il-formuli elettroniċi huma disponibbli, l-applikazzjoni proprja trid titressaq bil-kitba. Għaldaqstant, il-liċenzji elettroniċi ukoll mhumiex disponibbli fl-Istati Membri, ħlief għal Spanja. Fi Spanja, il-liċenzja miksuba elettronikament xorta trid tiġi stampata jew imniżżla biex tiġi ppreżentata lid-dwana.

Il-possibbiltà li tiġi żviluppata sistema elettronika fil-livell tal-UE għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni ġiet diskussa fit-tul matul il-perjodu eżaminat. Fl-2011, Franza proponiet li tkun eżaminata l-possibbiltà li jiġi introdott servizz onlajn li jista' jservi ta' interfaċċa mas-sistemi tal-approvazzjoni doganali nazzjonali. Fl-2012 saret laqgħa dwar is-suġġett bil-parteċipazzjoni ta' tmien Stati Membri.

L-Istati Membri qablu li l-iżvilupp possibbli fil-ġejjieni ta' bażi tad-dejta komuni jista' jwassal għal benefiċċji sinifikanti, li b'mod ċar jegħlbu l-problemi potenzjali identifikati. Madankollu, kien enfasizzat in-nuqqas ta' finanzjament.

Meta wieħed iqis il-limitazzjonijiet eżistenti, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-proġett kien għadu mhux lest biex jitħaddem, iżda stiednet lil Franza, lill-Italja u lir-Renju Unit (it-tliet l-aktar pajjiżi li joħorġu liċenzji) biex jippruvaw jiżviluppaw ideat aktar konkreti. Dawn l-Istati Membri ħadmu flimkien fuq is-suġġett u għandhom jippreżentaw il-konklużjonijet tagħhom fil-futur qrib.

6.2. L-interpretazzjoni ta' kategoriji ta' oġġetti kulturali

Mhux dejjem faċli li oġġetti speċifiċi jiġu assenjati f'waħda mill-kategoriji tal-oġġetti kulturali elenkati fl-Anness I tar-Regolament Bażiku. Stati Membri differenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet differenti f'dak ir-rigward. It-test li jiddeskrivi kull waħda mill-kategoriji xi drabi mhuwiex ċar u għalhekk huwa miftuħ għal interpretazzjonijiet diverġenti.

Wara diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat, kien ġie miftiehem li jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma (il- "Grupp ta' Ħidma"), li huwa magħmul minn rappreżentanti minn għadd ta' Stati Membri u mill-Kummissjoni, dwar l-interpretazzjoni tal-kategoriji. Il-Grupp ta' Ħidma kellu l-kompitu li jiżviluppa gwida għall-interpretazzjoni ta' ftit kategoriji problematiċi, li jkunu jkopru wkoll tipi speċifiċi ta' oġġetti li joħolqu diffikultajiet partikolari għall-klassifikazzjoni (muniti, ikoni, fossili). Fl-2013 il-Grupp ta' Ħidma ltaqa' darbtejn; il-Grupp ħadem ukoll f'sottogruppi u permezz ta' skambji bil-miktub.

Il-Grupp ta' Ħidma kien ikkonkluda li interpretazzjoni komuni ma ssolvix il-problemi kollha. Minflok, jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' reviżjoni ta' xi kategoriji u t-tneħħija ta' kategorija jew iż-żieda ta' oħra. Wara li rrikonoxxa li emenda fl-Anness I tkun timplika reviżjoni tar-Regolament kollu, il-Grupp ta' Ħidma qabel li jkompli bil-ħidma dwar l-interpretazzjoni biss u llimita ruħu li jenfasizza ċerti aspetti li jistħoqqilhom reviżjoni: il-klassifikazzjoni tal-ikoni; il-klassifikazzjoni ta' muniti waħidhom u oġġetti paleontoloġiċi waħidhom; id-definizzjoni ta' "kollezzjonijiet"; u l-kopertura taħt il-Kategorija 15.

6.3. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

L-implimentazzjoni tajba tar-Regolament Bażiku teħtieġ kontribuzzjonijiet minn awtoritajiet differenti, mhux biss mill-awtoritajiet kulturali u d-dwana, iżda wkoll

mill-pulizija. Huwa kruċjali li l-awtoritajiet jikkooperaw b'mod miftuħ u attiv u li jifhmu l-perspettiva, il-limitazzjonijiet u l-ħtiġijiet ta' xulxin.

Din il-kwistjoni ngħatat prominenza fid-diskussjonijiet fil-Kumitat. L-inizjattiva bdiet bi preżentazzjoni mill-Awstrija dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti dwar id-dwana. Aktar tard, in-Netherlands, l-Ungerija u l-Italja preżentaw eżempji ta' kooperazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet fil-livelli kollha. L-Istati Membri kollha kienu mistiedna jippreżentaw l-esperjenzi tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu għal fehim aħjar.

Il-preżentazzjonijiet urew li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet fin-Netherlands, fl-Ungerija u fl-Italja hija bbażata fuq ftehimiet qafas jew multilaterali bejn il-ministeri kompetenti. Il-kooperazzjoni sseħħ fl-għamla ta' taħriġ speċjali għall-uffiċjali tad-dwana, skambji ta' informazzjoni fir-rigward ta' indikaturi tar-riskju jew il-profili tar-riskju, il-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet konġunti biex jinqabdu oġġetti illeċiti u għajnuna fl-identifikazzjoni ta' oġġetti kulturali.

Din l-inizjattiva se tibqa' tiġi segwita fil-ġejjieni, u tista' twassal għall-iżvilupp ta' sett tal-aħjar prattiki. Intlaħaq konsensus dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati wkoll strumenti li jippermettu l-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri differenti.

6.4. L-adegwatezza tal-limiti finanzjarji

L-Anness I tar-Regolament Bażiku jistabbilixxi l-limiti finanzjarji li huma applikabbli għall-biċċa l-kbira tal-kategoriji[30] ta' oġġetti kulturali elenkati fih. Għal oġġetti li jaqgħu fi ħdan dawn il-kategoriji, liċenzja tal-esportazzjoni hija meħtieġa biss jekk il-valur tagħhom jilħaq il-limitu applikabbli.

Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-limiti finanzjarji stabbiliti huma għoljin wisq u għandhom jitnaqqsu. Huma jisħqu li r-Regolament ma jaqdix ir-rwol tiegħu fil-ħarsien tal-wirt nazzjonali tagħhom minħabba l-limiti għolja tal-valur li hemm stabbiliti. Dan jispjega parzjalment l-użu limitat ħafna li sar mir-Regolament f'ħafna Stati Membri[31].

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku, l-ammonti indikati fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni regolari u possibbilment jiġu aġġornati abbażi tal-indikaturi ekonomiċi u monetarji. Din id-dispożizzjoni ma għadhiex adattata għas-sitwazzjoni fl-UE. Li kieku r-Regolament kellu jiġi rivedut, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jkunu favur li jitbaxxew il-limiti eżistenti li hemm stabbiliti.

6.5. L-importazzjoni ta' oġġetti kulturali lejn l-UE

F'fora differenti ġie espress tħassib dwar in-nuqqas ta' strument biex tkun ikkontrollata l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali fl-UE, kwistjoni li taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-UE.

---

30 Ħlief għall-Kategoriji 1 (oġġetti arkeoloġiċi), 2 (monumenti maħtuta), 9 (inkunabula u manuskritti) u 12 (arkivji).

31 Prattikament l-Istati Membri kollha li ssieħbu fl-UE mill-2004 jqisu li l-limiti finanzjarji huma għoljin wisq.

Minkejja dan, l-UE imponiet restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali mill-Iraq[32] u s-Sirja[33]. Ir-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jipprojbixxi l-importazzjoni, l-esportazzjoni ta' u l-kummerċ fi proprjetà kulturali Iraqqina, fejn il-prodotti tneħħew illegalment mill-Iraq mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju leġittimu tagħhom jew bi ksur tal- leġiżlazzjoni Iraqqina. B'mod simili, ir-Regolament (UE) Nru 1332/2013 jipprojbixxi l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment ta' oġġetti kulturali Sirjani, fejn hemm raġunijiet għal suspett li l-oġġetti tneħħew mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju leġittimu tagħhom jew bi ksur tal-liġi Sirjana jew dik internazzjonali. Il-kategoriji ta' oġġetti li għalihom japplikaw dawn ir-Regolamenti ġew elenkati fl-annessi tar-Regolamenti, li t-tnejn li huma jikkorrispondu mal-Anness I tar-Regolament Bażiku. Fit-12 ta' Ottubru 2012, l-uffiċjali tad-dwana Franċiża qabdu 13-il oġġett arkeoloġiku mill-Iraq.

7. KONKLUŻJONIJIET

Is-sistema introdotta fl-1993 għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali fil-fruntieri esterni tal-UE, li inizjalment kienet mfassla għal 12-il Stat Membru, intużat mill-Istati Membri fi gradi differenti. Id-daqs u l-importanza tal-wirt nazzjonali ta' kull pajjiż, kif ukoll l-iżvilupp relattiv tas-suq tal-arti ta' kull wieħed minnhom, fil-parti l-kbira ddeterminaw l-aderenza tal-Istati Membri.

Filwaqt li maġġoranza kbira tal-Istati Membri jqisu li l-leġiżlazzjoni eżistenti hija utli, jaraw ukoll il-ħtieġa għal titjib prattiku. Għadd ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa u oħrajn maħsuba għall-l-ġejjieni għandhom jikkontribwixxi biex is-sistema tiffunzjona aħjar. Il-kooperazzjoni tajba bejn l-atturi kollha u fil-livelli kollha hija essenzjali biex dan iseħħ.

* * *

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[32] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta ' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2465/96 (ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6).

[33] Ara n-nota 20 f'qiegħ il-paġna.